Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**Laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena nhar**

**l-Erbgha 2 ta' Settembru 2015**

**Prezenti:**

**Mary Anne Abela - Chairperson**

**Simon Stilon – Deputy Chairperson**

**Theresa Valentino – Membru**

**Godfrey Leone Ganado – Membru**

**Caroline Asha Caruana – Membru**

---

**Ic-Chairperson qalet it-talba**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduti Nru. 12 gew moqrija u approvati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Vici Chairperson issekonda.

Ic-Chairperson pproponiet li ssir ssospenzjoni ta' l-Agenda sabiex ir-resident li kien hemm prezneti wkoll ghal din il-laqgha jispjega dwar xi problem li qed jesperjenza minhabba student barranin li qed joqghodu fi Triq Markiz J. Scicluna. Il-hin kien is-5.55pm. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Din il-laqgha regghet bdiet fis-6.20pm.

Ic-Chairperson dwar din il-problema infurmat li ser tkellem lis-sidien tal-propjeta' inkwistjoni kif ukoll se tikkomunika ma' l-MTA biex jigi kkonfermat jekk is-sidien ghandhomx il-permessi mehtiega minnghand l-awtoritajiet kkoncernati.

## II RAPPORTI MIC-CHAIRPERSON

1. Hija staqsiet jekk wasalx xi feedback minn naha tar-residenti dwar it-traffic calmer fi Triq il-Markiz J. Scicluna. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li l-Kunsill ircieva biss ittra wahda u din kienet fin-negattiv.

   Wara diskuzzjoni, gie deciz li t-traffic calmer fi Triq il-Markiz J. Scicluna ghalissa ssir bi prova sabiex ir-residenti jkollhom aktar cans biex jissottomettu l-opinjonijiet taghhom rigward din il-materja. Gie deciz ukoll li tinkiteb ittra fejn tinforma lir-resident li bghat il-feedback tieghu b' din id-decizjoni.

2. Ic-Chairperson infurmat li dal-waqt se jibdew il-preparamenti ghan-newsletter tal-Madliena li jmiss u ghalhekk jkun jaqbel jekk il-membri kollha jibdew ihejju r-rapporti taghhom. Hija ssugeriet ukoll sabiex jekk hu possibli, ir-residenti wkoll jinghtaw ic-cans li jesprimu l-kontribuzzjonijiet personali taghhom.

3. Rigward il-hajt ta' quddiem Busietta Gardens, hi infurmat li l-Perit ser jhejji rapport idettaljat sabiex tisahhah is-sigurta' ta' kull min jkun ghaddej minn din it-triq.

4. Hija rreferiet ghall-bankina ta'quddiem il-villel fil-Madliena fejn il-Kumita kien idecieda li tinzamm il-garanzija bankarja ta' dan il-kuntrattur. Wara diskuzzjoni gie deciz b' mod unanimu li din il-bankina ma tistax ssir minhabba nuqqas ta' finanzi.

Mary Anne Abela Hugh Zammit

Chairperson Segretarju Ezekuttiv

**III RAPPORTI MILL-MEMBRI**

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-Membru T. Valentino hi tal-opinjoni li ghandu ikun hemm pjan ghal Madliena kolla fuq kif ghandna nikkalmaw it-traffiku, mhux li npoggu 'traffic calmers' wahda wahda skont li jidirlu xi individwu. Ghalhekk, trid li l-Kunsill jikteb lil Transport Malta (li huma l-esperti) biex taghmel il proposti taghha ghal lokalita kollha, imbaghad il-Kumitat Amministrativ jibda iwettaq dan il-pjan tul perjodu ta' zmien, skond kif il-finanzi jippermettu.

Din il-laqgha spiccat fis-7.30pm u b’mod unanimu sar qbil li s-Seduta li jmiss ssir nhar it-23 ta’ Settembru 2015 fil-5pm.

Mary Anne Abela

Chairperson

Hugh Zammit

Segretarju Ezekuttiv